# L-Asbestos

*Nieħdu Ħsieb Saħħitna*




Għal aktar informazzjoni, ikkuntatja lis-Sezzjoni tal-Kimika ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fuq tel: 2124 7677 / 8 jew bl-email:ohsa@gov.mt



**L-asbestos huwa l-isem li jingħata lil grupp ta' minerali naturali li jintużaw f'ċerti prodotti, bħal materjal tal-bini jew brejkijiet tal-karozzi, ħalli jirreżistu aktar is-sħana u l-ħsara mill-korrużjoni.**

AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Indirizz: 17 Triq Edgar Ferro, Pietà MSD 07
Tel: 21 247 677 / 8 • Fax: 21 232 909
Email:ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

Appoġġjat minn:
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

*Referenzi minn pubblikazzjonijiet tal-HSE (UK).*
*© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2004*

Meta fin-nifs li nieħdu jkun hemm preżenti fibri ta' asbestos, dan jista' jikkawża mard serju. L-iżjed mard komuni relatat ma' asbestos huwa l-kanċer tas-sider u tal-pulmun.

Normalment, jgħaddi żmien twil minn meta jkun hemm l-ewwel kuntatt ma' l-asbestos sakemm timrad. Dan jista' jvarja bejn ħmistax sa sittin sena. Numru kbir ta' nies li qed imutu minn mard relatat ma' l-asbestos illum ġew f'kuntatt ma' l-asbestos bejn l-1950 u l-1960.

Però huwa wkoll fatt magħruf li għad hawn nies li sa llum għadhom jaħdmu fl-industrija ta *"stripping"* ta' asbestos. Ħaddiema li jaħdmu fil-qasam ta' tiswija u ristrutturar ta' bini jiltaqgħu ta' spiss ma' asbestos fix-xogħol tagħhom.

## Maniġġjar ta' l-Asbestos

Fil-liġi rigward l-asbestos insibu għadd ta' informazzjoni dwar kif wieħed jista' jimmaniġġja aħjar l-asbestos fuq il-post tax-xogħol. Fil-qasir nsemmu xi ftit minn dawn il-miżuri:

- Attivitajiet li jinvolvu riskju ta' kuntatt ma' asbestos jew ma' materjal li fih l-asbestos iridu jkunu spjegati f'evalwazzjoni tar-riskju *(risk assessment)*
- Xogħol li jinvolvi l-asbestos irid jiġi notifikat lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. L-ebda xogħol ma jista' jinbeda qabel ma tiġi nnotifikata l-Awtorità.
- Ma tistax tisprejja materjal li fih l-asbetos.
- Għandu jitfassal pjan ta' kif se jsir kull tip ta' xogħol ta' demolizjoni jew tneħħija ta' asbestos minn qabel ma jibdew ix-xogħolijiet.
- Il-ħaddiema għandhom jingħataw informazzjoni adegwata dwar is-saħħa u s-sigurtà tagħhom u jiġu kkonsultati waqt il-preparazzjoni ta' l-evalwazzjoni tar-riskju. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jkun hemm moniteraġġ tas-saħħa u jrid jinżamm reġistru tas-saħħa.
- Għandhom jiġu stabbiliti *limit values.*
- Jekk jinqabbżu l-*limit values* stabilliti bil-liġi, għandhom jiġu identifikati r-raġunijiet għaliex dan iseħħ u għandha tittieħed azzjoni adegwata biex tirrimedja s-sitwazzjoni.
- Għandhom jiġu stabbiliti kriterji li fuqhom isir il-kejl u sampiljar ta' asbestos.
- Għandha ssir lista sħiħa ta' miżuri li bihom jiġi kkontrollat il-kuntatt ma' l-asbestos.
- Il-Malta Environment Planning Authority (MEPA) għandha tiġi nfurmata fejn se jiġi mormi l-asbestos.

## X'Tgħid il-Liġi

Huwa l-għan ta' l-Att Legali Nu. 123 ta' l-2003 "Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-riskji li jinħolqu meta wieħed ikun Espost għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol, 2003" li tipproteġi lill-ħaddiema li jaħdmu fil-qasam ta' l-asbestos jew materjal li fih asbestos.

Din il-liġi tirrikjedi li min jimpjega u dawk li jaħdmu għal rashom jagħmlu minn kollox biex inaqqsu jew jeliminaw kemm jista' jkun il-kuntatt tagħhom ma' l-asbestos.

Għalhekk min iħaddem għandu l-obbligu legali taħt il-ligijiet attwali tas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol sabiex qabel ma jibda xi xogħol li jinvolvi asbestos jew materjal li fih xi asbestos, iwettaq evalwazzjoni tar-riskju.

Skond ir-regolamenti dwar il-fibri ta' l-asbestos (projbizzjoni ta' l-importazzjoni) ta' l-1994, fibri ta' l-asbestos f'għamla mselta ma jistgħux jiġu mpurtati.

## Gwida

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ħarġet ukoll *"Minimum Health and Safety Requirements for the Handling of Asbestos-containing Material (ACM)"*, li huma fihom infushom gwida għal min jaħdem f'xogħol ta' asbestos jew materjal li fih l-asbestos.